MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1292/2008

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Jesmond Mizzi, iben Alfred, imwieled Pieta' fil-25 ta' Ottubru, 1967
u
Helen Filletti, bint Carmen, imwielda Pieta' fl-10 ta' Frar, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati illi b'diversi atti magħmula minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Ottubru, 2008 u it-8 ta' Ottubru, 2008, fi Triq it-Torri, Sliema volontarjament

ħassru, jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-għamla Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBL 095, liema ħsara tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta' Simone Eve Collette Sammut;
2. talli fil-lejl ta' bejn l-20 ta' Novembru, 2008 u il-21 ta' Novembru, 2008, fi Triq il-Lunzjata, Sliema volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-għamla Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBL 095, liema ħsara tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta' Simone Eve Collette Sammut;
3. talli fil-lejl ta' bejn il-11 ta' Diċembru, 2008 u it-12 ta' Diċembru, 2008 , fi Triq il-Lunzjata, Sliema volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' erba' tyres ta' vettura ta' l-għamla Volkswagen Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBL 095, liema ħsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) imma iżjed minn mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċentesimu (€116.47) għad-dannu ta' Simone Eve Collette Sammut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Diċembru, 2008 fejn il-partijiet qablu li d-danni li għamlu l-imputati huma ta' tmien telef mija u sitta u sebgħin euro (€8,176).

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Diċembru, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 325(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali u l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati u l-fatt li obbligaw ruħhom li jħallsu l-ħsara li għamlu. Għalhekk, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jew xi wieħed minnhom jikkometti reat ieħor li għal hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u

tordna lill-imputati ‘in solidum’ li jħallsu s-somma ta’ tmien telef mija u sitta u sebgħin euro (€8,176) danni lil Simone Eve Collette Sammut fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------